**30 ta' Marzu, 1987**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Direttur ta' l-Agrikoltura

*versus*

Remigio Galea

## Verbal ta' Seduta tal-Qorti – Kważi-Kuntratt

*Il-verbal ta' seduta tal-Qorti li bih il-partijiet qablu li sakemm tkun konkjuża l-proċedura kriminali l-kawża ċivili tibqa' sine die huwa vinkolanti għalihom it-tnejn għax jikkostitwixxi 'kważi-kuntratt' ġudizzjali li ma jistax ikun newtralizzat jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut bħala uffiċjal tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura addett bħala kaxxier mal-pitkaliji naqas li jikkonsenja mill-flus li huwa inkassa l-ammont ta' għaxart elef mitejn u tlieta u erbgħin lira Maltija, erbgħa u ħamsin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm10,243.54,2) kif jirriżulta mir-rapport ta' l-awdituri (Dok. A), talab li l-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex tiġi llikwidata minn dik il-Qorti s-somma li tagħha l-konvenut huwa debitur favur l-attur in konnessjoni max-xogħol tiegħu ta' kaxxier kif intqal u għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma hekk riżultanti – bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Frar, 1979, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa preliminarjament l-irritwalità tad-domanda kif proposta billi mhix preċeduta, kif kellha tkun, minn domanda apposita għad-dikjarazzjoni tar-responsabbilità tal-konvenut għall-allegat nuqqas ta' flus u fil-mertu l-infondatezza tad-domanda billi mhux minnu li l-konvenut naqas li jikkonsenja flus li kien inkassa kif inhu allegat fl-ewwel premessa taċ-ċitazzjoni – salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-deċiżjoni ta' l-imsemmija Qorti tad-9 ta' Diċembru, 1980, li biha ċaħdet l-imsemmija *eċċezzjoni ta'* l-irritwalità tad-domanda bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 1984, li fih ingħad illi billi l-proċeduri kriminali għadhom ma ġewx konkjużi u dan ukoll minħabba l-fatt li l-konvenut jinsab marid, il-partijiet jaqblu li sakemm tiġi konkjuża l-proċedura kriminali, il-kawża tibqa' *sine die* u fil-fatt dak in-nhar, kif jidher mill-istess verbal, il-kawża ġiet iddiferita *sine die;*

Rat id-digriet ta' l-imsemmija Qorti tad-9 ta' Awissu, 1984 li bih laqgħet it-talba kontenuta fir-rikors ta' l-attur tat-8 ta' Awissu, 1984, għalbiex tiġi riappuntata l-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija billi rriappuntat il-kawża għas-smigħ għall-11 ta' Jannar, 1985 – prevja s-soliti notifiki;

*Omissis;*

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' April, 1985, li bih wara li semgħet l-Avukati tal-partijiet, irrevokat id-digrieti tagħha preċedenti jew irriformathom skond il-każ fis-sens li l-kawża tiġi riappuntata mill-ġdid għas-smigħ għad-29 ta' Ottubru, 1985, u f'kull każ ordnat in-notifika mill-ġdid;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut ippreżentat fid-29 ta' April, 1985 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu, tirrevoka, tħassar u tannulla d-digriet mogħti fis-26 ta' April, 1985, mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili (li bih il-kawża ġiet iddifferita għas-smigħ għas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 1985) u minflok, b'adezjoni mal-verbal tal-partijiet tal-11 ta' Mejju, 1984, tordna li l-kawża għandha tibqa'

*sine die* sakemm jibqgħu l-'ostakoli' indikati fl-istess verbal, jew sakemm dak il-verbal ma jiġix sorpassat jew emendat bil-kunsens taż-żewġ partijiet u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti, bl-ispejjeż ta' l-inċident għall-attur *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-appellat ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 1985;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti li l-verbal fuq imsemmi tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 1984, li bih il-partijiet qablu li sakemm tiġi konkjuża l-proċedura kriminali l-kawża preżenti tibqa' *sine die* huwa vinkolanti għalihom it-tnejn għax jikkostitwixxi 'kważi-kuntratt' ġudizzjali li ma jistax jiġi newtralizzat (sakemm naturalment ir-raġuni li wasslet għalih tibqa' sseħħ) jekk mhux bil-kunsens taż-żewġ partijiet. Min-naħa tiegħu l-attur appellat qiegħed jissottometti li dak li qiegħed jgħid il-konvenut appellant m'huwiex rilevanti għal verbal dwar differiment ta' kawża imma jirrigwarda verbal simili fuq il-mertu tal-kawża; li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin u hija fix-xelta tal-konvenut jekk jixhedx jew le fl-azzjoni ċivili u jekk isostni li jsofri xi preġudizzju meta huwa jixhed fil-kawża odjerna, jista' jirrifjuta li jixhed iżda dan mingħajr ma jwaqqaf il-kors normali tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Il-kważi-kuntratt ġudizzjali invokat mill-konvenut appellant huwa ormai rikonoxxut fil-ġurisprudenza tagħna in forza tal-prinċipju *"in judiciis quasi contrahitur"* (Kollez. Dec. Vol. XXVI.I.226, Appell Cini *vs* Portelli, 2 ta' Ottubru, 1925; Vol. XXXIII.I.61, Prim'Awla, Grazia Tonna *vs* Paola Tonna *proprio et nomine,* 19 ta' April, 1947; Vol. XXXVII.I.99, Appell Debono *vs* Debono, 13 ta' Marzu, 1953). Għalhekk dikjarazzjoni verbalizzata tal-partijiet fil-kawża, bħal dik in kwistjoni, torbot ukoll lill-partijiet li għamluha;

L-attur appellat jirrikonoxxi dan fir-risposta tiegħu ta' l-appell iżda *jissottometti* illi l-imsemmi prinċipju m'huwiex rilevanti għal verbal dwar differiment ta' kawża imma jirrigwarda verbal simili fuq il-mertu tal-kawża. Il-Qorti però ma taċċettax din is-sottomissjoni li ma tidhirx li għandha xi fondament legali. Dak li l-partijiet riedu li jintrabtu bih, sija jekk jirrigwarda d-differiment tal-kawża sija jekk jirrigwarda l-mertu tagħha, għandu jorbothom għax dik kienet ir-rieda tagħhom u l-ġudikant għandu jirrikonoxxi dik ir-rieda — naturalment meta dik ir-rieda ma tmurx kontra xi disposizzjoni ta' ordni pubbliku li mhux il-każ preżenti;

Il-fatt li huwa prinċipju li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin m'huwiex ta' ostakolu għall-imsemmi ftehim. Dan il-prinċipju għandu jiftiehem fis-sens li l-provi fl-azzjoni kriminali għandhom isiru indipendentement mill-provi fl-azzjoni ċivili u li l-Qorti li tisma' azzjoni waħda tista', fuq il-provi li nġiebu quddiemha, tasal għal konklużjoni diversa minn Qorti li tkun semgħet l-azzjoni l-oħra. Imma l-prinċipju ma jfissirx li f'azzjoni ċivili, li wara kollox tirrigwarda l-interessi privati tagħhom, il-partijiet ma jistgħux jiftehmu li dik l-azzjoni tmur *sine die* u tibqa' hekk *sine die* sakemm tiġi

konkjuża l-azzjoni kriminali;

Lanqas ma tara li hija rilevanti s-sottomissjoni l-oħra ta' l-attur appellat li l-konvenut jista' jagħżel li ma jixhedx fl-azzjoni ċivili jekk isostni li jsofri xi preġudizzju b'dik id-deposizzjoni. Din kienet tkun semmai raġuni biex l-attur appellat ma jagħtix li jsir il-verbal in kwistjoni iżda la darba l-attur appellat aċċetta li jsir l-imsemmi verbal allura *in vista* tal-kważi-kuntratt ġudizzjali huwa marbut bih u għandu jirrispettah;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess appell u għalhekk, prevja r-revoka tad-digriet tas-26 ta' April, 1985, in kwantu dan jirriferixxi għar-riappuntament mill-ġdid tal-kawża u għall-ordni tan-notifika mill-ġdid, tordna li l-attijiet jiġu rrinvjati lill-ewwel Qorti sabiex il-kawża tkun tista' tiġi ddifferita *sine die* mill-istess l-ewwel Qorti adesivament għall-verbal tal-11 ta' Mejju, 1984. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-attur appellat.